**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 08 ta' Novembru, 2018**

**Rikors Kostituzzjonali Nru: 94/2016 AF**

**Falzon Group Holdings Limited (C-1731)**

**u**

**San Lucian Oil Company Limited (C-5387)**

**vs**

**Direttur Generali (Kompetizzjoni)**

**u**

**Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Falzon Group Holdings Limited (C-1731) u San Lucian Oil Company Limited (C-5387) li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fl-4 ta' Ottubru 2016, Falzon Group ġew innotifikati bid-deċizjoni ("id-Deċiżjoni") tad-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju dwar il-Kompetizzjoni ("l-Uffiċċju") permezz ta' liema l-Uffiċċju sab li:

> "Falzon Group and M&N Camilleri Petrol Station have infringed Article 5(1)(a) of the Competition Act .. by entering into an RPM agreement, which has as its sole object the prevention, restriction or distortion of competition in Malta or parts of Malta, by indirectly fixing the selling price of diesel".

Id-Deċiżjoni inħarġet wara li l-Uffiċċju għamel investigazzjoni ai termini tal-Kap 379. Falzon Group ħassuhom aggravati minn din id-Deċiżjoni u għaldaqstant ressqu appell quddiem it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumaturi skont it-termini tal-Kap 379. Madanakollu, apparti aggravji bbażati fuq il-liġi ordinarja, Falzon Group għandhom ukoll ilmenti ta' natura kostituzzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-Kap 379, mad-Deċiżjoni u kif l-investigazzjoni li ġiet kondotta mill-Uffiċċju.

Peress li t-Tribunal m'ghandux kompentenza jiddeciedi dwar kwistjonijiet prettament ta' natura kostituzzjonali u peresss li, skont l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, lanqas ma jistgħu Falzon Group jagħmlu riferenza kostituzzjonali f'dawk il-proċeduri, Falzon Group kellhom jippreżentaw dan ir-rikors kostituzzjonali sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi dwar l-ilmenti tagħhom.

Fis-suċċint, u kif ser jiġi spjegat fid-dettal iktar l-isfel, Falzon Group qed tressaq din il-kawża l-abbażi tas-segwenti pretenzjonijiet:

a. Li l-Artikoli 12A, 13, 13 A u 21 tal-Kap 379, li huma l-artikoli abbażi ta' liema d-Direttur Ġenerali pproċeda bl-investigazzjoni tiegħu u wasal għad-Deċiżjoni, jilledu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem hekk kif protetti mill-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u dan kif diġa' ġie ddikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali;

b. Nonostante l-fatt li d-Direttur Ġenerali ġie mgħarraf li l-proċedura kontemplata fil-Kap 379 tikser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, hu xorta waħda pproċeda biex jagħti d-Deċiżjoni u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali ta' Falzon Group;

c. Il-proċess investigattiv min-naħa tal-Uffiċju ġie kondott b'mod li jilledi d-drittijiet fundamentali ta' Falzon Group skont l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (il-Konvenzjoni").

**Il-Fatti rilevanti fil-qosor:**

Fis-27 ta' Jannar 2015, l-Uffiċċju talab lil Falzon Group jattendu laqgħa fid-29 ta' Jannar 2015. L-iskop ta' dik il-laqgħa kien li jiġi diskuss artikolu li deher fuq it-*Times of Malta* intitolat "*Rabat station owner says he was 'pressured' not to cut diesel prices".* Fl-istess ġurnata, l-Uffiċċju talab ukoll lil Mario Camilleri (s-sid il-pompa tal-petrol) sabiex jattendi laqgħha ukoll.

Wara l-laqgħha l-Uffiċċju bagħat talba għall-informazzjoni ("RFI") lil Falzon Group fit-18 ta' Frar 2015 u bagħat oħra fit-30 ta' Settembru 2015. Dawn l-RFIs kienu intitolati "*Investigation into the wholesale and resale markets of diesel involving fuel stations*".

Falzon Group irrispondew għall-RFIs fit-3 ta' Marzu u l-23 ta' Ottubru 2015 rispettivament. Falzon Group jaf ukoll li l-Uffiċċju bagħat ukoll RFIs lil Mario Camilleri u dan skont id-direzzjoni mogħtija mill-Uffiċċju. Kif ser jiġi spjegat fid-dettal fil-paragrafi li ġejjin, Falzon Group infurmaw lill-Uffiċċju li mill-

korrispondenza li rċevew mill-Uffiċċju, huma setgħu jikkonkludu li l-investigazzjoni li kien qed jagħmel kien wieħed fil-kuntest ta' *sector inquiry* u ma kienitx investigazzjoni appożita għall-Falzon Group. L-Uffiċċju ma ta l-ebda indikazzjoni lil Falzon Group li l-konklużjonijiet tagħhom kienu żbaljati.

Fil-15 ta' Jannar 2016, l-Uffiċċju ħareġ l-*istatement of objections* tiegħu kontra Falzon Group. Mill-*istatement of objections* irriżulta li l-investigazzjoni ma kinitx *sector inquiry* iżda biss investigazzjoni fuq il-kondotta ta' Falzon Group fis-suq.

Falzon Group irrispondew billi ssottomettew ir-risposta tagħhom fil-11 ta' Marzu 2016. Fil-frattemp, kien hemm għaddejja kawża kostituzzjonali quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet *"Federation of Estate Agencies v Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et"* fejn ir-rikorrenti f'dik il-kawża kienu qed jallegaw li ċertu dispożizzjonijiet tal-Kap 379 – senjatament – l-artikoli 12A, 13, 13A u 21 tal-Kap 379, jilledu d-dritt fundamentali tagħhom ta' smiegħ xieraq. Il-Qorti tal-Prim Istanza tat is-sentenza tagħha fil-21 ta' April 2015 fejn sabet li dawk id-dispożizzjonijiet jmorru kontra l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Kemm fir-risposta, kif ukoll fil-korrispondenza tagħhhom, Falzon Group tablet lill-Uffiċċju tissospendi l-proċess investigattiv sakemm il-kwistjoni tiġi determinata mill-Qorti. L-Uffiċċju ċaħad ir-rikjesta u qal li ser ikompli għaddej bil-proċeduri ta' investigazzjoni skont il-Kap 379 sakemm il-kawża kostituzzjonali suċċitata tiġi konkluża definittivament.

Fit-3 ta' Mejju 2016 il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-Prim Istanza. Falzon Group talbu direzzjoni mingħand l-Uffiċċju dwar il-każ investigattiv tagħhom permezz ta' email fis-6 ta' Mejju 2016. L-Uffiċċju irrisponda billi informa lil Falzon Group *"the Office shall await future legislative changes and proceed accordingly"*.

Fis-26 ta' Settembru 2016, Falzon Group reġgħu bagħtu ittra lill-Uffiċċju fejn talbuhom direzzjoni fir-rigward tal-

investigazzjoni.  F'dik l-ittra, Falzon Group infurmaw lill-Uffiċċju li "*The process adopted by the Office, as currently provided for in the Competition Act and, on the basis of which, the Office relied with respect to our client, was vitiated from the start*." Il-pożizzjoni ta' Falzon Group dejjem kienet li la darba l-liġi ġiet iddikjarata bħala waħda li tikser l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u la darba l-proċess investigattiv kontra Falzon Group inbeda skont dawk id-dispożizzjonijiet, l-investigazzjoni kellha tiġi ddikjarata nulla.

Fit-30 ta' Settembru 2016, l-Uffiċċju irrisponda billi informa lil Falzon Group li kien ħa parir mingħand l-avukat ġenerali u kien iddeċieda li xorta waħda jkompli bil-proċeduri kontra Falzon u li kien bi ħsiebu jagħti deċiżjoni fil-jiem li ġejjin fejn kien ser isib ksur tal-Kap 379 però ma kienx ser jimponi multa amministrattiva.

Id-Deċiżoni ngħatat fl-4 ta' Ottubru u għaldaqstant Falzon Group ipproċedew billi iressqu dawn il-proċeduri kif ukoll appell quddiem it-Tribunal.

## Id-dispożizzjonijiet tal-Kap 379 li jiksru l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew l-Atikolu 6 tal-Konvenzjoni

F'sentenza riċenti mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet *Federation of Estate Agents v Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni), l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali*[1] il-Qorti kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza li kienet iddeċidiet li Artikoli 12A, 13, 13A u 21 tal-Karp 379 jiksru l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni fis-sens li dawn id-dispożizzjonijiet ma jiggarantux id-dritt ta' smigħ xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi.

Fiż-żmien meta l-Uffiċċju kien innotifika lill-Falzon Group bl-*istatement of objections* u meta Falzon Group kienu qed jippreparaw l-*istatement of reply* tagħhhom, il-Qorti tal-Prim'Istanza kienet diġà tat is-sentenza tagħha fil-kawża suesposta.  Malli ngħatat is-sentenza in kwistjoni, Falzon Group

[1] 21 t'April 2015 (Rikors numru 87/2013)

fil-fatt kienu talbu l-Uffiċċju sabiex jissospendi l-proċeduri li kienu nbdew fil-konfront tagħhom sakemm il-proċeduri tal-*Federation of Estate Agents* jiġu konklużi b'mod definittiv. Madanakollu, l-Uffiċċju ċaħad it-talba tal-Falzon Group u pproċeda biex jordna li jinstemgħu s-sottomissjonijiet tagħhom. Addizjonalment, Falzon Group kienu nfurmaw lill-Uffiċju li f'każ li s-sentenza tal-Prim Istanza fil-kawża *Federation of Estate Agencies* kellha tiġi kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali, l-Uffiċċju kellu neċessarjament jiddikjara li l-proċeduri tagħhom fil-konfront ta' Falzon Group kienu nulli u inattendibbli. Ir-raġunament kien wieħed bażiku – jekk il-Qorti Kostituzzjonali tiddikjara li d-dispożizzjonijiet tal-liġi, liema dispożizzjonijiet jirregolaw il-process kollu ta' kif intrapriża tista' tiġi akkużata b'reat ta' ksur tal-Kap 379, jiġu ddikjarati anti-kostituzzjonali, l-Uffiċċju m'għandux japplika l-istess liġi fil-konfront ta' intrapriżi oħra l-għaliex jekk jagħmel hekk, ikun konsapevolment qed jilledi d-drittijiet fundamentali tal-intrapriżi li jkun qed jinvestiga.

Nonostante s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, l-Uffiċċju xorta waħda pproċeda billi jagħti d-Deċiżjoni. Mid-Deċizjoni jirrizulta li wara li ġie mgħarraf bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, l-Uffiċċju għażel li xorta waħda jkompli għaddej bl-investigazzjoni fir-rigward ta' Falzon Group u ħareg id-Deċiżjoni mertu ta' din il-kawża. Madankollu, l-Uffiċċju ħa deċiżjoni, permezz tas-setgħat diskrezzjonali mogħtija lilu, li ma jimponix multa fuq Falzon Group. Ir-raġunament tal-Uffiċċju, jidher li kien bbażat fuq l-assunzjoni – żbaljata - li jekk ma jimponix multa fuq Falzon Group, Falzon Group ma jkollhom l-ebda jedd li jistrieħu fuq l-Artikolu 39(1) iżjed: bħal li kieku l-Uffiċċju għandu diskrezzjoni jbiddel il-proċeduri kontemplati fil-liġi minn proċeduri ta' natura kriminali għal proċeduri ta' natura ċivili. Dan huwa raġunament li ma jsib l-ebda fondazzjoni fid-dritt.

Il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat li l-proċess kollu biex intrapriża tiġi investigata, akkużata u aġġudikata fir-rigward ta' allegat ksur tal-Kap 379 kien jilledi d-dritt fundamentali ta' smiegħ xieraq. Sakemm din il-liġi ma tinbidilx, tibqa' anti-kostituzzjonali u kull proċedura li nbdiet skont dik il-liġi hija milquta b'difett kbir u għaldaqstant hija annullabbli. Il-fatt li f'dan il-każ, l-Uffiċċju ħa deċiżjoni diskrezzjonali u ma mpona l-

ebda multa amministrattiva ma jbiddel xejn min-natura jew klassifikazzjoni tal-proċeduri.[2] Il-proċeduri jibqgħu ta' natura kriminali u għaldaqstant fir-rigward tagħhom hemm bżonn li l-akkużati jgawdu mill-protezzjoni sħiħa li l-liġi kostituzzjonali tagħti fir-rigward ta' smiegħ xieraq. Anke jekk ma ġietx imposta l-ebda multa, Falzon Group xorta waħda ġew ikkundannati għal kaġun ta' reat kriminali u dan għandu u jista' jkollu effetti kbar ħafna fuq l-attivitajiet tagħhom. Hija għal din ir-raġuni li Falzon Group jissottomettu umilment li l-proċeduri kollha ta' investigazzjoni kif ukoll id-Deċiżjoni għandhom jiġu ddikjarati nulli minħabba l-fatt li l-proċess kif kontemplat fil-liġi jilledi d-drittijiet fundamentali tagħhom.

Fil-paragrafi li ġejjin, Falzon Group ser jagħtu sfond tal-kunsiderazzjonijiet legali kif ukoll riassunt tal-każistika rilevanti li għandha twassal lil din l-Onorabbli Qorti biex terġa' tikkonferma li l-Artikoli 12A, 13, 13A u 21 tal-Karp 379 jiksru l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u li t-talba ta' Falzon Group għan-nullifikazzjoni tal-proċeduri quddiem l-Uffiċċju u d-Deċiżjoni għandhom jiġu milqugħa.

*Konsiderazzjonijiet ta' dritt*

Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni jirrikjedi li meta persuna tkun akkużata b'reat kriminali, dik il-persuna għandha tiġi mogħtija smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan, għall-kuntrarju ta' proċeduri li jittrattaw deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' drittijiet ċivili fejn Artikolu 39(2) jipprovdi illi dan jista' jsir quddiem kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi.

Hu sottomess illi ġurisprudenza estensiva kkonkludiet illi proċeduri amministrattivi bħal dawk in kwistjoni li jirrelataw ma' Falzon Group mhumiex proċeduri ta' natura ċivili, iżda

[2] Fid-Deċiżjoni, l-Uffiċċju sab li l-intrapriża l-oħra li kienet qed tiġi nvestigata, M&N Petrol Station, ukoll kienet kisret id-dispożizzjonijiet tal-Kap 379 iżda uża d-diskrezzjoni tiegħu u ma kienx hemm raġuni l-għaliex l-uffiċċju kellu jimponi multa. Din is-sejba ta' ħtija pero' xorta waħda tiġi kklassifikata bħala waħda ta' natura kriminali.

pjuttost ta' natura kriminali. Għaldaqstant, l-Artikolu 39(1) u l-kap kriminali ta' Artikolu 6 ikunu japplikaw.[3]

Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ("**QEDB**"), fil-każ *Jussila v Finland*[4] riċentement spjegat fid-dettall id-diversi akkużi kriminali li jistgħu jinġiebu fil-kuntest ta' proċeduri amministrattivi simili għall-proċeduri in kwistjoni u l-applikazzjoni ta' Artikolu 6. F'dan il-każ, il-QEDB iddikjarat is-segwenti:

> *"There are clearly 'criminal charges' of different weight. What is more, the autonomous interpretations adopted by the Convention institutions of the notion of a 'criminal charge' by applying the Engel criteria have underpinned a gradual broadening of the criminal head to cases not strictly belonging to the traditional categories of the criminal law, for example administrative penalties (Ozturk, cited above), prison disciplinary proceedings (Campell and Fell*

---

[3] Diversi sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem stabbilew li l-kap kriminali ta' Artikolu 6 ikun japplika għal proċeduri relatati ma' reati amministrattivi, bħal per eżempju l-proċeduri in kwistjoni dwar il-liġi tal-kompetizzjoni. Ara, *Bendenoun v France*, Rikors Numru 12547/86 (24 ta' Frar 1994); *Jussila v Finland* (Rikors Numru 73053 (23 ta' Novembru 2006) u *Engel and others v the Netherlands*, (Rikorsi Numru 5100/71, 5102/71, 5370/72, (8 ta' Ġunju 1976). Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet illi Artikolu 6 jkun japplika għal proċeduri amministrattivi jekk l-elementi li ġejjin (komunement magħrufa bħala l-*Engel criteria*) ikunu sodisfatti:

a) Il-liġi li tistipula l-penali tkopri ċ-ċittadini kollha fil-kapaċita' tagħhom ta' *taxpayers;*
b) Is-*surcharge* ma kinitx intiża bħala kumpens pekunjarju għad-danni imma essenzjalment bħala piena li tiskoraġġixxi lil min jerġa joffendi;
c) Kienet imposta taħt regola ġenerali b'għanijiet kemm deterrenti u punitivi;
d) Is-*surcharge* kienet sostanzjali.

Il-proċeduri in kwistjoni jikkonċernaw investigazzjoni dwar prattiki anti-kompettitivi possibli mwettqa minn Falzon Group bil-possibbilta' li tiġi mposta penali li tammonta għal 10% tal-fatturat ta' Falzon Group. In-natura ta' dan l-allegat reat, u l-piena konsegwenzjali f'każ ta' sejba ta' dak ir-reat, hija waħda li ma tistax tiġi kkaratterizzata b'mod ieħor jekk mhux reat b'konnotazzjoni kriminali: (a) il-piena li d-Direttur Ġenerali jista' jimponi ai termini tal-liġi hija stabbilita fl-Att u tapplika għall-intrapriżi kollha bl-għan li jkollha effetti kemm deterrenti kif ukoll punitivi, (b) il-penali li tista' tiġi mposta tista' tkun sostanzjali u barra minn hekk, (c) il-penali ma sserviex bħala kumpens pekunjarju għad-danni imma essenzjalment bħala piena li tiskoraġġixxi lil min jerġa joffendi.

[4] Ċitata *supra*

> *v the United Kingdom, 28 June 1984, Series A no. 80), customs law (Salabiaku v France, 7 October 1988, Series A no. 141-A), competition law (Societe Stenuit v France, 27 February 1992, Series A no. 232-A), and penalties imposed by a court with jurisdiction in financial matters (Guisset v France, no 33933/96, ECHR 2000-IX). Tax surcharges differ from the hard core of criminal law; consequently, the criminal-head guarantees will not necessarily apply with their full stringency."*

F'dan ir-rigward, il-ġurisprudenza tal-QEDB żviluppat b'tali mod illi ddikjarat li f'każijiet ta' dawn it-tipi ta' liġi kriminali mhux intranżiġenti (bħall-proċeduri in kwistjoni ta' liġi amministrattiva kompettitiva), penali kriminali jistgħu jiġu mposti minn korp amministrattiv jew non-ġudizzjarju fl-ewwel istanza, iżda l-persuna kontra min il-penali tkun imposta ikollha dritt li titlob stħarriġ ġudizzjarju komplet dwar tali deċiżjonijiet.[5] F'*A Menarini Diagnostics S.R.L v Italia*[6], il-QEDB ddeċidiet kif ġej:

> *"59. La conformita' con l'articolo 6 della Convenzione non esclude che in un procedimento di natura amministrativa, una "pena" sia inflitta da un'autorita' amministrativa. Si presuppone pero' che la decisione di un'autorita' amministrative che non siddisfi le condizioni di cui all'articolo 6 § 1 debba subier un controllo a posteriori da un organo giudizziario avente giurisdizione piena... Tra le caratteristiche do un organo giudiziario avente piena giurisdizione vi e il potere di riformare in ogni modo, in fatto come in diritto, la decisione, resa da un organo di grado inferiore. Detto giudice deve essere competente a giudicare tutte le questioni di fatto e di diritto rilevanti per la controversia per cui e' adito."*

---

[5] Ara *Bendenoun v France,* ċitata *supra*

[6]

Falzon Group jissottomettu illi din il-linja ta' ħsieb tal-QEDB rigward l-Artikolu 6 ma tikkorrispondix tajjeb mal-loġika wara l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni tirrikjedi strettament illi d-determinazzjoni ta' akkuża kriminali kontra persuna għandha tkun determinata esklussivament minn *qorti* indipendenti u imparzjali mwaqqfa bil-liġi. Irid jiġi osservat illi Artikolu 6 § 1 tal-Konvenzjoni ivarja fis-sens illi jirrikjedi li smigħ ikun quddiem qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali. B'hekk jidher illi l-kliem tal-Kostituzzjoni huwa iktar strett minn dak tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant, kull ġurisprudenza li toħroġ mill-QEDB rigward proċeduri amministrattivi ta' natura kriminali, għandha tiġi kkonsidrata fid-dawl ta' dan. Jiġi wkoll osservat illi fir-rigward ta' proċeduri ċivili, Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jgħid illi d-determinazzjoni tista' tkun magħmula jew minn qorti jew minn korp aġġudikanti ieħor imwaqqaf bil-liġi u allura huwa iktar wiesgħa mid-dispożizzjoni korrispondenti dwar reati kriminali. F'dan ir-rigward, huwa sottomess illi, ai termini tal-Kostituzzjoni, il-leġislatur ried apposta jirrestrinġi x'tip ta' awtorita' ikollha d-dritt li tiddetermina akkużi kriminali – u cioè qorti.

L-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni jiddefinixxi qorti bħala "*kull qorti f'Malta li ma tkunx qorti mwaqqfa bi jew skont liġi dixxiplinarja*". Barra minn hekk l-Artikoli 95 u 99 tal-Kostituzzjoni jispeċifikaw x'inhuma l-Qrati Superjuri u l-Qrati Inferjuri. Il-qrati tagħna irritenew ukoll illi: "*Min għamel il-Kostituzzjoni, bil-kelma Qorti ried ifihem biss Qorti Superjuri jew Qorti Inferjuri".*[7] A bażi ta' dan, il-Kostituzzjoni hija ċara fis-sens illi d-determinazzjoni ta' akkuża kriminali tista' tkun magħmula biss quddiem qorti indipendenti u imparzjali, kif stabbilita mill-Kostituzzjoni. Għaldaqstant, ai termini tal-Kostituzzjoni, huwa sottomess illi d-Direttur Ġenerali (DĠ) m'għandux l-awtorità biex ikun aġġudikant ta' tali ksur u jsib lil Falzon Group ħatja jew le ta' ksur tal-Kap. 379. Dan, mhux biss għaliex ma tantx jista' jingħad li d-DĠ huwa indipendenti u imparzjali (minħabba l-fatt illi hija l-awtorita' li qegħda tinvestiga, tħarrek u taġġudika) imma wkoll minħabba l-fatt illi d-DĠ ma jista' qatt jikkwalifika bħala qorti, ai termini tal-

[7] *Montalto v Clews et (*Prim'Awla, Qorti Ċivili, (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali), 26 ta' Mejju 1987)

Kostituzzjoni. A bażi ta' dan biss, l-awtorità u s-setgħat mogħtija lid-DĠ mill-Kap. 379 jikkostitwixxu ksur ta' Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

Mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke jekk wieħed kellu ma jaqbilx ma' l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni mogħtija hawn fuq u japplika r-raġunament addottat mill-QEDB f'*Menarini, Jusilla* u *Bendenoun*[8], huwa sottomess illi d-dispożizzjonijiet tal-Kap 379 xorta jiksru Artikolu 39(1) u Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Dan għaliex il-parti li tappella minn deċiżjoni mogħtija mid-DĠ mhix mogħtija dritt ghal stħarriġ ġudizzjarju sħiħ fuq punti kemm ta' dritt kif ukoll ta' fatt minn qorti jew awtorità ġudizzjarja indipendenti u imparzjali.

Fil-każ li xi parti tħossha aggravata mid-deċiżjoni tad-DĠ, hi tista' tappella lit-Tribunal tal-Appell, stabbilit mil-Kap. 510. Dan it-tribunal għandu d-dritt li jistħarreġ id-deċiżjoni tad-DĠ fuq punt ta' dritt u ta' fatt. It-tribunal madanakollu, ma jistax jitqies bħala qorti indipendenti u imparzjali kif rikjest mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39(1). Dan għaliex it-tribunal huwa kompost minn tliet membri, b'wieħed minnhom ikun Imħallef u t-tnejn l-oħra jkunu membri ordinarji appunti mill-President minn bord ta sitt membri. Dawn il-membri huma appuntati għal perjodu ta' tliet snin u huma eliġibbli biex jerġgħu jiġu maħtura. Il-QEDB irriteniet illi hemm bżonn ta' indipendenza mill-fergħat l-oħra tal-poteri – l-eżekuttiv u l-leġislatura.[9] Sabiex jiġi ddeterminat jekk korp jistax ikun kkunsidrat bħala indipendenti, wieħed għandu jikkunsidra l-kriterji segwenti:

a) Il-mod tal-ħatra tal-membri u t-terminu tal-kariga;
b) L-eżistenza ta' garanziji kontra pressjonijiet esterni;
c) Jekk il-korp għandux apparenza ta' indipendenza.[10]

[8] Fis-sens li penali kriminali jistgħu jiġu mposti minn korp amministrattiv jew non-ġudizzjarju fl-ewwel istanza iżda l-persuna kontra min il-penali tkun imposta ikollha dritt li titlob stħarriġ ġudizzjarju komplet dwar tali deċiżjonijiet kemm fuq punt ta' liġi u wkoll ta' fatt.

[9] *Ninn-Hansen v Denmark* (Rikors Numru 28972/95) 18 ta' Mejju 1999

[10] *Findlay v United Kingdom* (Rikors Numru 22107/93) 25 ta' Frar 1997

Il-fatt illi l-ħatra ta' dawn il-membri hija temporanja u tiddependi biss fuq ħatra (jew ħatra mill-ġdid) mill-President neċessarjament iwassal għall-konklużjoni illi r-rekwiżit tal-indipendenza mhuwiex sodisfatt (apparti l-fatt illi, kif argumentat hawn fuq, it-Tribunal tal-Appell mhux qorti kif rikjest mill-Artikolu 39).

Barra minn hekk, wara d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-Appell, intrapriża aggravata tista' biss tappella quddiem il-Qorti ta' l-Appell fuq punt ta' dritt (mhux ta' fatt). A bażi ta' dan, jidher illi l-Kap. 379 ma jipprovdix, f'kull stadju tal-proċess ġudizzjarju, il-possibbilta' ta' stħarriġ ġudizzjarju sħiħ minn qorti indipendenti u imparzjali kif mitlub mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u/jew l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni.

*Id-dritt li jibqa' sieket u li wieħed ma jinkriminax ruħu*

Addizzjonalment, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, Falzon Group jissottomettu illi l-proċess ta' investigazzjoni nnifsu kif stabbilit mill-Kap. 379, jikser id-dritt għal smigħ xieraq, partikolarment id-dritt li wieħed jibqa' sieket u ma jitfax il-ħtija fuqu kif ukoll il-prinċipju li l-prosekuzzjoni għanda l-oneru li tipprova l-każ mingħajr assistenza mingħand l-akkużat.

L-Artikolu 12 jipprovdi li waqt l-investigazzjoni, id-DĠ jista' jsaqsi lill-intrapriża biex tfornilu xi informazzjoni jew dokument fil-pussess tagħha li fil-fehma tiegħu ikun rilevanti għall-kwistjoni investigata.  Artikoli 21 (4) (5) u (6) jgħidu illi:

a) Jekk intrapriża tonqos milli tipprovdi informazzjoni kompelta u korretta wara rikjesta taħt Artikolu 12, l-intrapriża teħel il-piena ta' multa kwotidjana li ma tkunx iktar minn 5% tal-medja tad-dħul ta' kuljum tas-sena kummerċjali preċedenti tal-intrapriża għal kull ġurnata li n-nuqqas ta' ħarsien tal-obbligu jkompli jseħħ[11];

[11] Artikolu 21(4)

b) Jekk xi intrapriża (i) tagħti informazzjoni falza, mhux preċiża jew qarrieqa, (ii) tipprovdi informazzjoni mhux kompleta; (iii) ma tħallix li jseħħu jew ixxekkel investigazzjonijiet, l-intrapriża teħel il-ħlas ta' multa amministrattiva ta' mhux inqas minn €1000 u mhux iktar minn €10,000, kif imposta mid-DĠ[12];

c) Meta persuna, li tkun direttur, maniġer, segretarju jew uffiċjal ieħor ta' intrapriża tonqos, mingħajr raġuni valida, li tagħti l-informazzjoni mitluba fiż-żmien lilha mogħti, dik il-persuna tista' teħel multa amminstrattiva ta' mhux iżjed minn €2,400 għal kull ġurnata ta' nuqqas[13].

L-Artikoli msemmija ġew riferuti mid-DĠ f'kull korrispondenza fejn id-DĠ għamel rikjesta għal informazzjoni. Falzon Group kienu infurmati li jekk ma jweġbux għall-mistoqsijiet magħmula lilhom, hi kienet se tkun soġġetta għall-imsemmija multi. Hu sottomess illi dawn id-dispożizzjonijiet infushom jiksru d-dritt ta' Falzon Group kif garantit minn Artikolu 6 § 1.

Il-QEDB sostniet illi d-dritt ta' non-inkriminazzjoni u dritt li wieħed jibqa' sieket huma essenzjali u fundamentali għad-dritt ta' smigħ xieraq taħt l-Artiklu 6 tal-KEDB[14]. F'*Saunders v United Kingdom,* il-QEDB qalet illi:

> "*It considers that the general requirements of fairness contained in Article 6, including the right not to incriminate oneself, apply to criminal proceedings in respect of all types of criminal offences without distinction from the most simple to the most complex. The public interest cannot be invoked to justify the use of answers compulsorily obtained in a non-*

[12] Artikolu 21(5)

[13] Artikolu 21(6)

[14] Ara *Saunders v Unikted Kingdom,* (Rikors Numru 19187/91), deċiża fis-17 ta' Diċembru 1996, *Funke v France* (Rikors Numru 10828/84) deċiża fil-25 ta' Frar 1993, *Murray v United Kingdom* (Rikors Numru 18731/91) deċiża fit-8 ta' Frar 1996.

*judicial investigation to incriminate tha accused during the trial proceedings."*[15]

Isegwi allura illi Artikoli 12 u 21 (4) (5) u (6) kjarament jiksru d-drittijiet tas-soċjeta' esponenti għal smigħ xieraq kif protetti minn Artikolu 6 § 1 u Artikolu 39(1). L-impożizzjoni ta' multi ta' din in-natura huma tali illi jistgħu biss iwasslu biex jisfurzaw lil intrapriża investigata biex tagħti kull informazzjoni mitluba mid-DĠ u dan meta d-DĠ għandu riedni ħielsa fuq kulma jkun qed jinvestiga skont il-Kap. 379. Il-multi huma ta' natura punitiva, jistgħu jiġu applikati b'mod wiesgħa ħafna skont id-diskrezzjoni tad-DĠ (li huwa l-istess uffiċjal li jinvestiga u wkoll jiddeċiedi jekk hemmx ksur jew le) u barra minn hekk huma eċċessivi u possibilment debilitanti. Dan jitfa' lil kull intrapriża fi żvantaġġ għall-preġudizzju tal-prinċipju tal-*equality of arms* u d-dritt li wieħed ma jitfax ħtija fuqu. Dawn id-dispożizzjonjiet huma totalment opposti għal dak id-dritt – fis-sens illi l-persuna li qed tiġi investigata mhix mogħtija għażla dwar x'tip ta' informazzjoni tista' tipprovdi liberament lill-awtorita' investiganti jew jekk tabilħaqq, ma tridx tipprovdi affattu tali informazzjoni. Għall-kuntrarju, l-intrapriża investigata tispiċċa dahra mal-ħajt u minħabba n-natura punitiva tal-liġi, tiġi mġiegħla tipprovdi informazzjoni li tista' twassalha biex tinkrimina ruħha.

L-effett riżultanti huwa li d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 379, cioè Artikoli 12A, 13, 13A u 21 jiksru d-drittijiet fundamentali għal smigħ xieraq ta' Falzon Group u huma inkompatibbli ma' Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u/jew Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Għaldaqstant, Artikoli 12A, 13, 13A u 21 tal-Kap. 379 għandu jiġi ddikjarati bħala nulli u minħajr effett, u d-DĠ għandu jiddikjara li d-Deċiżjoni u l-proċeduri kollha li taw lok sabiex l-Uffiċċju ta d-Deċiżjoni huma nulli u mingħajr effett.

[15] Para. 74

**Il-mod kif sar il-proċess investigattiv min-naħa tal-Uffiċċju ukoll jiksru d-drittijiet fundamentali ta' Falzon Group**

Mingħajr preġudizzju għas-suespot, Falzon Group jissottomettu umilment illi l-proċess ta' investigazzjoni adottat mid-DĠ s'issa, jikser id-drittijiet fundamentali tagħħa kif protetti minn Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni u Artikolu 6 § 3(a) tal-Konvenzjoni.

Artikolu 39(6)(a) jipprovdi kif ġej:

> "(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –
>
> (a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhem u bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikun akkużat;"

Bl-istess mod, L-Artikolu 6 § 3(a) jipprovdi li kull persuna akkużata b'reat kriminali għandha, bħala minimu, id-dritt li tkun infurmata minnufih, b'lingwa li tifhem u bid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tagħha.

Falzon Group tissottometti illi l-protezzjoni taħt dawn l-artikoli tapplika anke waqt l-investigazzjoni tad-DĠ li twassal għall-ħruġ tal-*istatement of objections* ta' l-Uffiċċju. Il-QEDB kellha diversi opportunitajiet biex tespandi fuq meta persuna tkun ikkunsidrata bħala "akkużat" u meta, għaldaqstant id-drittijiet ta' L-Artikolu 6 jidħlu fis-seħħ. F'*Deweer v Belgium*[16] il-QEDB qalet illi l-importanza tad-dritt għal smigħ xieraq f'soċjeta' demokratika wasslet lill-Qorti biex tippreferi konċett sostantiv minflok formali tal-akkuża kontemplata f'Artikolu 6.[17] Il-Qorti tat definizzjoni wiesgħa lit-terminu "akkuża". F'*Foti and others v Italy*[18], il-QEDB qalet illi:

> "*this may have occurred on a date prior to the case coming before the trial court (see, for example, the above-mentioned*

[16] Rikors Numru 6903/75 deċiża fis-27 ta' Frar 1980

[17] Ibid. Para 44

[18] Rikors Numru 7604/76 deċiża fl-10 ta' Diċembru 1982

> *Deweer judgement, Series A no. 35, p. 22, § 42), such as the date of the arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened (see the Wemhoff judgement of 27 June 1968, Series A no. 7, pp. 25-27, § 19, the Neumeister judgement of the same date, Series A no. 8, p. 41, § 18, and the above-mentioned Ringeisen judgment, Series A no. 13, p. 45, § 110). Whilst "charge", for the purposes of Article 6 § 1 (art. 6-1), may in general be defined as "the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence", it may in some instanes take the form of other measures which carry the implication of such an allegation and which likewise substantially affect the situation of the suspect (see, inter alia, the Eckle judgement of 15 July 1982, Series A no. 51, p. 33, § 73)"*[19]

F'*Ommer v Germany*[20] il-Qorti kkunsidrat li l-esponent kien "akkużat" fil-ġurnata meta rċieva ittra mill-pulizija titolbu biex imur fil-kwartieri ġenerali biex jiġi nterrogat b'konnessjoni mat-twettiq ta' allegat reat.

Għaldaqstant, a bażi tal-ġurisprudenza imsemmija hawn fuqa, id-drittijiet garantiti minn Artikolu 6 japplikaw mill-mument li Falzon Group kienu rikjesti biex imorru għand id-DĠ għall-interrogazzjoni dwar potenzjali ksur tal-Kap. 379, jew minn tal-inqas, mill-mument li l-ewwel rikjesta għall-informazzjoni kienet mibgħuta fit-18 ta' Frar 2015.

---

[19] Ibid para 52

[20] Rikors Numru 26073/03 deċiża fit-13 ta' Novembru 2008, para 54

Fl-appell quddiem it-Tribunal, Falzon Group irressqu bħala wieħed mill-aggravji l-fatt li l-proċess investigattiv ma sarx skont il-liġi u, senjatament, l-Uffiċċju ma qdiex l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 12 tal-Kap 379[21]. Fis-suċċint, Falzon Group jilmentaw li qabel ma rċeview l-*statement of objections* tal-Uffiċċju, Falzon Group ma ġewx mgħarrfa mill-Uffiċċju li huma kienu s-suġġett ta' investigazzjoni għall-potenzjali ksur tal-Kap 379 fir-rigward tal-allegat aġir tagħhom li wassal għall-*indirect fixing* tal-prezz tad-diesel. L-appellanti jsostnu li ai termini tal-Artikolu 12 tal-Kap 379, huma kellhom jingħataw din l-informazzjoni mill-ewwel wara li d-Direttur Ġenerali bagħat talba għall-informazzjoni ("RFI"). L-Artikolu 12(3) jipprovdi li:

> "Meta jibgħat talba għall-informazzjoni lil intrapriza jew għaqda ta' intraprizi, d-Direttur Ġenerali għandu jispeċifika l-bazi legali u l-għan ta' dik it-talba, jispeċifika liem informazzjoni hija mitluba u jiffissa perjodu ta' zmien li fih l-informazzjoni għandha tkun provduta…"

Falzon Group jesponu bir-rispett illi dan l-aġir min-naħa tad-DĠ mhuwiex biss sempliċiment ksur tal-Artikolu 12 tal-Kap 379 iżda jikkostitwixxi ukoll ksur tad-drittijiet tagħhom protetti mill-Artikolu 39 (6)(a) u l-Artikolu 6 § 3 (a) u ma kienux infurmati sew u fid-dettall dwar in-natura tar-reat li kien qed jiġi investigat. Falzon Group jgħidu li d-Direttur Ġenerali għandu l-obbligu jindika b'mod ċar il-fatt li l-intrapriza in kwistjoni qed tiġi investigata u għal xiex qed tiġi investigata. B'dan il-mod, l-intrapriza ikkonċernata tkun ġustament ġiet infurmata dwar dak li qed jiġri kif ukoll tkun f'pożizzjoni tqiegħed il-mistoqsijiet li qed isirulha mill-Uffiċċju fil-proprju kuntest. F'dan il-każ dan l-obbligu, l-Uffiċċju ma qdiehx.

F'dan ir-rigward, Falzon Group jissottomettu illi mill-komunikazzjonijiet uffiċjali kollha li rċevew mid-DĠ, ma kienx possibli għalihom li jifhmu ir-raġuni u s-suġġett tal-investigazzjoni. Lanqas ma kienu provduti b'informazzjoni dwar il-preżunti fatti li d-DĠ kellu ħsieb li jinvestiga.

[21] Ara paragrafi 18 sa 36

Għaldaqstant, Falzon Group ġew imqarrqa dwar in-natura tal-investigazzjoni u ma setgħux ikunu f'pożizzjoni li jippreparaw rwieħom għad-difiża tagħhom. Dan qiegħed jingħad a bażi tas-segwenti:

a. Waqt l-ewwel laqgħa fl-uffiċċju tad-DĠ fid-29 ta' Jannar 2015, id-DĠ m'għamel l-ebda referenza għall-fatt li Falzon Group stess kienu qed jiġu nvestigati għal ksur ta' Artikolu 5(1)(a) tal-Att. Tabilħaqq, fl-ittra li rċeviet mingħand id-DĠ, San Lucian Oil Company Limited kienet mitluba biex tattendi laqgħa biex tiddiskuti l-artikolu fl-aħbarijiet bl-isem "Fuel Station owner had to scrap cut-price diesel plan". Waqt din il-laqgħa Falzon Group kienet sempliċiment mitluba biex tagħti spjegazzjoni informali ta' x'kien ġara;

b. L-RFIs datati 18 ta' Frar 2016 u 30 ta' Settembru 2015 kienu intitolati "*Investigation into the wholesale and resale markets of diesel involving fuel stations*". Tali rikjesti bl-ebda mod ma indikaw li d-DĠ kien qed jagħmel investigazzjoni dwar l-attivita' ta' Falzon Group rigward l-allegat iffissar tal-prezzijiet. Lanqas Falzon Group ma setgħu, mill-kontenut tar-rikjesti, jiddeduċu li l-kumpaniji nfushom kienu qed jiġu speċifikament investigati, separatament mill-bqija tal-operaturi fis-suq. Ir-rikjesti taw l-impressjoni li dak li kien qed isir kien inkjesta settorali dwar il-mod kif jopera s-suq tad-diesel f'Malta u għaldaqstant, kwalunkwe mistoqsija mressqa mid-DĠ kif ukoll kwalunkwe risposta mogħtija minn Falzon Group kienu mogħtija a bażi tas-suppożizzjoni li d-DĠ kien qed imexxi inkjesta fis-settur. Tabilħaqq, fir-rikjesta datata 18 ta' Frar 2015, id-DĠ jgħid li l-"*Office for Competition (OC) has decided to investigate the <u>sector</u> in terms of Article 12 of the Competition Act."* A bażi ta' dan, ir-rikjesti kienu qarrieqa u ma ressqux ir-raġuni vera għalfejn id-DĠ kien qed jagħmel dawn il-mistoqsijiet;

c. Fir-risposta tat-3 ta' Marzu 2014, Falzon Group ppruvaw iġibu konferma tal-fehema tagħhom li l-parametri tan-natura tal-investigazzjoni kondotta mid-

DĠ. F'dan ir-rigward, Cornelia Zammit German a nom ta' Falzon Group kitbet li:

> "I understand that the information is being requested in order to enable the Office to assess the industry-wide practices in the market for the supply of fuel to fuel stations that appear to be harming competition, rather than the specific conduct of the Falzon Group of Companies."

d. Is-suespost juri li għal Falzon Group, dawn ir-riposti mogħtija fir-rigward tal-RFIs maħruġa mid-DĠ, kienu qed jingħataw fil-kuntest ta' investigazzjoni settorali. Id-DĠ wieġeb għad-dikjarazzjoni t'hawn fuq permezz ta' ittra datata 12 ta' Marzu 2015 fejn għamel referenza għad-dikjarazzjoni minn Falzon Group u sempliċement tenna:

> "As clearly stated in the Office's letter of the 18 February 2015, the information was requested in terms of its decision "to investigate the sector in terms of Article 12 of the Competition Act" and hence the information was requested during the course of an investigation.
>
> Should the OC consider that an infringement of article 5 and, or 9 of the Competition Act or infringement of Articles 101 and or 102 of the Treaty on the Functioning of the European Union may have occurred the OC will proceed accordingly against any undertaking in terms of the Competition Act."

e. Għal darb'oħra, id-DĠ irrepeta li dak li kien qed jitwettaq mill-Uffiċju hija investigazzjoni dwar is-settur

tas-suq għall-provvista ta' fuel lill-pompi tal-fuel. Id-DĠ kellu kull opportunita' biex jikkjarifika n-natura reali tal-investigazzjoni u wkoll biex jindika li l-fehim ta' Falzon Group dwar l-investigazzjoni ma kienx korrett. Id-DĠ madanakollu għażel li ma jagħmilx dan.

f. Tabilħaqq, minn analiżi tal-*file* tal-investigazzjoni, jidher illi ma kien hemm l-ebda investigazzjoni dwar is-suq għall-provvista tal-fuel lill-pompi tal-fuel – pjuttost, l-uniċi persuni li kienu qed jiġu nvestigati kienu Falzon Group u s-Sur Mario Camilleri. L-ebda operaturi oħra fis-suq tal-fuel, apparti l-klijenti stess ta' Falzon Group, ma ġew avviċinati jew mitluba biex jipprovdu informazzjoni. Din hija indikazzjoni qawwija tal-fatt illi d-DĠ qatt ma kellu l-ħsieb li jinvestiga s-suq għall-provvista tal-fuel. Tassew, l-intenzjoni reali tiegħu kienet li jinvestiga kors ta' azzjoni speċifiku li allegatament seħħ bejn is-Sur Joe Falzon (ta' Falzon Group) u s-Sur Mario Camilleri fis-27 ta' Jannar 2015. Għall-inqas, Falzon Group messha ġiet infurmata li l-kumpaniji nfushom kienu l-mira ta' investigazzjoni u li d-DĠ kien qed josserva l-kondotta possibilment anti-kompetittiva ta' Falzon Group fil-forma ta' *resale price maintenance.*

Jirriżulta għalhekk li d-DĠ ma nfurmax sew lil Falzon Group dwar in-natura proprja tal-investigazzjoni li kien qiegħed jagħmel sabiex huma jkunu kompletament a konoxxenza tal-akkużi possibli kontrihom u sabiex huma jkunu f'pożizzjoni li jiddefendu ruħhom sewwa minn kull allegazzjonijiet magħmula. Issir referenza għal *Pelissier and Sassi v France*[22] fejn il-QEDB qalet:

> *"51. The Court observes that the provisions of paragraph 3(a) of Article 6 point to the need for special attention to be paid to the notification of the "accusation" to the defendant. Particulars of the offence play a crucial role in the criminal process, in that it is*

[22] Rikors Numru 25444/94 deċiża fil-25 ta' Marzu 1999

*from the moment of their service that the suspect is formally put on notice of the factual and legal basis of the charges against him (see the Kamasinski v. Austria judgment of 19 December 1989, Series A no. 168, pp. 36-37,* § 79). Article 6 §3(a) of the Convention affords the defendant the right to be informed not only of the cause of the accusation, that is to say the acts he is alleged to have committed and on which the accusation is based, but also the legal characterisation given to those acts. That information should, as the Commission rightly stated, be detailed.

52. The scope of the above provision must in particular be assessed in the light of the more general right to a fair hearing guaraneed by Article 6 § 1 of the Convention (see, mutatis mutandis, the following judgements: Deweer v. Belgium of 27 February 1980, Series A no. 35, pp. 30-31, § 56; Artico v. Italy of 13 May 1980, Series A. No 37, p. 15, § 32; Goddi v. Italy of 9 April 1984, Series A no. 76, p. 11, § 28; and Colozza v. Italy of 12 February 1985, Series A no. 89, p. 14, § 26). The Court considers that in criminal matters the provision of full, detailed information concerning the charges against a defendant, and consequently the legal characterisation that the court might adopt in the matter, is an essential prerequisite for ensuring that the proceedings are fair."

F'dan il-każ, hu sottomess illi filwaqt li d-DĠ mhux mistenni li jipprovdi l-informazzjoni u d-dettall kollu rigward l-allegat ksur u l-analiżi legali preċiża ta' dak il-ksur (minħabba li l-proċeduri huma fi stadju ta' investigazzjoni), huwa kellu, tal-inqas, jipprovdi lil Falzon Group bi spjegazzjoni ċara tal-kwistjoni li kienet qed tiġi nvestigata kif ukoll jiddeskrivi kjarament il-preżunti fatti li bi ħsiebu jinvestiga. Dan qed jingħad ukoll meħud kont tal-kontenut ta' Artikolu 12 tal-Kap 379 u l-loġika

wara l-imsemmija dispożizzjoni u cioè li tassigura li kwalunkwe proċeduri kontra Falzon Group huma ġusti u ma jpoġġuhomx fi żvantaġġ. B'hekk, Falzon Group kien ikollhom l-opportunita' jpoġġu l-investigazzjoni fil-kuntest proprju u jieħdu l-miżuri neċessarji meta jwieġbu għar-rikjesti ta' informazzjoni b'mod xieraq u b'mod li jkunu ta' għajnuna għad-difiża tagħha. Madanakollu, dan ma sarx: minflok, hu sottomess li Falzon Group ingħataw x'jifhmu li d-DĠ kien qiegħed jinvestiga s-settur in ġenerali u b'riżultat t'hekk kien hemm ksur tad-drittijiet kid protetti mill-Artikolu 6 § 3(a) u l-Artikolu 39 (6)(a).

Barra minn hekk, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, hu sottomess li l-mod kif id-DĠ qarraq b'Falzon Group dwar in-natura vera tal-investigazzjoni (ara sottomissjonijiet hawn fuq) ukoll iwassal għal ksur tal-Artikolu 6 § 1 u l-Artikolu 39(1). F'*Funke v France,* il-QEDB qalet illi l-proċeduri istitwiti kontra l-esponent kienu attentat biex iġġiegħlu jipprovdi evidenza dwar reat ieħor differenti li huma kienu tal-fehma li hu kien allegatament wettaq. Il-Qorti osservat li dan kien inkompatibbli ma' Artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi, fil-fatt, qered l-essenza tal-privileġġ kontra l-awto-inkriminazzjoni. Bl-istess mod, Falzon Group ingħatat x'tifhem li d-DĠ kien qiegħed jinvestiga s-settur in ġenerali u għaldaqstant, kull risposta mogħtija u informazzjoni provduta, ġew mogħtija abbażi ta' dak il-presuppost. Fil-verità, il-korrispondenza tad-DĠ tfasslet b'tali mod sabiex tqarraq xjentement b'Falzon Group biex tipprovdi informazzjoni u evidenza ta' "*circumstances that suggest a distortion or restriction of competition*"[23], meta fil-verita', issa jidher illi kienet biss l-imġieba ta' Falzon Group l-uniku reat punittiv li d-DĠ sa mill-bidu kellu interess li jinvestiga.

A bażi tas-suespost, u fid-dawl ta' firxa ta' ksur tad-drittijiet fundamentali matul l-istadji kollha tal-proċess investigattiv, Falzon Group tesponi illi din l-Onorabbli Qorti għandha ssib illi l-proċess investigattiv tal-Uffiċċju kien illegali u għaldaqstant jannulla l-proċeduri in kwistjoni u d-Deċiżjoni li nħarġet sussegwentement.

[23] Ara, rikjesta għal informazzjoni mid-DĠ tat-30 ta' Settembru 2015

Intalbet din il-Qorti sabiex:

a) Tiddikjara li l-Artikoli 12A, 13, 13 A u 21 tal-Kap. 379, jew liem minnhom, jilledu d-drittijiet fundamentali ta' Falzon Group u jiksru l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u li għaldaqstant m'għandhom ikollhom effett fil-konfront tal-proċeduri li nbdew kontra Falzon Group; u/jew

b) Tiddikjara li l-proċess investigattiv kif sar min-naħa ta' l-Uffiċċju kiser ukoll id-drittijiet fundamentali ta' Falzon Group bi ksur tal-Artikolu 39(6)(a) tal-Kostituzzjoni u/jew l-Artikolu 6 § 3(a) tal-Konvenzjoni; u/jew

c) Tiddikjara konsegwentement nulli u inattendibbli l-proċeduri investigattivi li nbdew mill-Uffiċċju fil-konfront ta' Falzon Group ai termini tal-Kap. 379; u/jew

d) Tiddikjara nulli u inattendibbli d-deċiżjonijiet amministrattivi li ħa l-Uffiċċju jew id-DĠ bħala konsegwenza ta' dawk il-proċeduri investigattivi inkluż l-ħruġ tal-*istatement of objections* u/jew id-Deċiżjoni; u/jew

e) Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, iħallsu d-danni morali għall-ksur tad-drittijiet fuq imsemmija fil-konfront tal-esponenti; u/jew

f) Tagħti kull provvediment jew rimedju ieħor li din il-Qorti tħoss li huwa opportun.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tal-intimati Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) u tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepew illi:

L-ilmenti kollha tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu meqjusa fil-parametri tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** u/jew l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u dan peress li l-ilmenti tagħhom la jmissu ma' akkużi/proċeduri kriminali u lanqas ma' proċeduri dwar drittijiet u obbligazzjonijiet ċivili.

Mhijiex għal kollox korretta l-istqarrija ġenerali tar-rikorrenti meta jgħidu li proċeduri amministrattivi bħal dawk kontemplati fil-**Kap 379 tal-Liġijiet ta' Malta** huma klassifikati bħala kriminali. Proċeduri amministrattivi jistgħu jieħdu t-tikketta ta' proċeduri kriminali biss jekk dawn ikunu suxxettibbli għal piena jew sanzjoni.

Ir-rikorrenti mhumiex siewja lanqas meta jtennu li ċerti dispożizzjonijiet tal-**Kap 379 tal-Liġijiet ta' Malta** jmorru kontra l-**Kostituzzjoni ta' Malta** għaliex hemm sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali (***Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et*** tat-3 ta' Mejju 2016) li tgħid hekk. Dan għaliex sentenzi dwar inkompatibilità ta' liġijiet ma' drittijiet fundamentali jagħmlu stat biss bejn il-partijiet fil-kawża u mhux *erga omnes*.

Terġa' u tgħid dan il-każ ma jixxiebaħ xejn mal-każ ta' ***Federation of Estate Agents vs. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et***. Fil-każ ta' Federation of Estate Agents il-Qorti Kostituzzjonali sabet li kien hemm ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** minħabba li kien hemm il-possibilità li jistgħu jiġu inflitti pieni fil-forma ta' multi amministrattivi minn awtoritajiet li mhumiex Qorti. Min-naħa l-oħra f'dan il-każ id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) ġa ddikjara u ntrabat li huwa mhux ħa jimponi l-ebda multa amministrattiva fil-konfront tar-rikorrenti. Għaldaqstant ir-raġuni li minħabba fiha l-Qorti Kostituzzjonali sabet vjolazzjoni kostituzzjonali fis-sentenza ta' Federation of Estate Agents hija nieqsa f'dan il-każ.

Ir-rikorrenti m'għandhomx raġun meta jgħidu li l-proċeduri meħuda mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) għandhom mill-attributi ta' proċeduri kriminali. Biex proċeduri jistgħu jitqiesu ta' xejra penali jeħtieġ illi dawn iġorru magħhom xi forma ta' kastig jew piena. F'dan il-każ kif ingħad il-proċeduri konklużi mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) ma wasslux u mhux ħa jwasslu għal xi għoti ta' piena.

Il-konsiderazzjonijiet kollha magħmula mir-rikorrenti dwar l-**artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** partikolarment dawk dwar il-fatt li l-każ tagħhom kellu jiġi determinat minn

Qorti u mhux mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni), huma irrilevanti għall-każ tal-lum għaliex ġaladarba r-rikorrenti ma jistgħux jeħlu kastig allura huma ma jistgħux jgħidu li nħarġet xi akkuża ta' bixra kriminali kontrihom.

Hekk ukoll ir-rikorrenti m'għandhomx għalfejn joqgħodu jinkwetaw fuq il-fatt li l-kontestazzjoni tagħhom mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) sejra tinstema' mit-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur u mhux minn Qorti, ġaladarba t-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur mhux sejjer jiddeċiedi l-ebda akkuża kriminali u lanqas ma hu ħa jaqta' proċeduri amministrattivi li jistgħu jwasslu għal xi għoti ta' kastig jew piena.

L-istess jgħodd fil-kuntest tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea**. La fil-każ tagħna ma hemmx piena li r-rikorrenti jistgħu jeħlu allura s-sentenzi kollha ċitati minnhom fir-rikors kostituzzjonali tagħhom m'għandhom l-ebda siwi għal dawn il-proċeduri. F'kull każ il-Qorti Ewropea Għad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza ***Menarini Diagnostics S.R.L. vs. l-Italja*** (App. 43509/08) deċiża fis-27 ta' Settembru 2011 għamlitha ċara li proċeduri ta' kompetizzjoni bħas-sistema Maltija mhumiex inkompatibbli mal-jedd ta' smigħ xieraq.

Dejjem mingħajr ħsara għall-premess, safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa mibni kontra l-kompożizzjoni tat-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni dan ukoll huwa mingħajr bażi legali. It-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur huwa mmexxi minn Imħallef u allura dan it-tribunal għandu l-istess garanziji ta' Qorti. Il-fatt li miegħu hemm żewġ membri temporanji ma jxellifx b'daqshekk l-indipendenza jew l-imparzjalità tat-Tribunal. Dan għaliex iż-żewġ membri ordinarji li jifformaw it-Tribunal huma magħżula mill-Imħallef stess skont l-**artikolu 32(1) tal-Kap 510 tal-Liġijiet ta' Malta** u d-deċiżjoni finali *ex* l-**artikolu 36(2) tal-Kap 510 tal-Liġijiet ta' Malta** trid tkun maqbula mill-Imħallef biex tkun tista' tingħata. Ifisser dan li fl-aħħar mill-aħħar kollox jaqa' fil-kontroll tal-Imħallef.

F'kull każ għalkemm ir-rikorrenti jallegaw fir-rikors kostituzzjonali tagħhom li t-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur mhuwiex tribunal indipendenti u imparzjali, huma mkien ma ssostanzjaw din ix-xilja tagħhom u għalhekk tali allegazzjoni taqa' waħidha. Wara kollox il-liġi nfisha fl-**artikolu 32(8) tal-Kap 510 tal-Liġijiet ta' Malta** tgħid li t-Tribunal tal-Appell għandu jkun indipendenti fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu u li l-membri tiegħu għandhom jaġixxu fuq il-ġudizzju individwali tagħhom u m'għandhomx ikunu suġġetti għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità. Dan apparti li kull membru tat-Tribunal qabel ma jisma' xi każ għandu jiddikjara li huwa mhuwiex imfixkel b'xi kunflitt ta' interess. Għalhekk fil-fehma tal-esponenti ma hemm xejn ħażin li jmur kontra l-**Kostituzzjoni** jew il-**Konvenzjoni Ewropea** fil-mod ta' kif inhuwa kompost it-Tribunal tal-Appell.

Bla ħsara għall-premess dwar l-ilment l-ieħor tar-rikorrenti fuq id-dritt li ma jinkriminawx ruħhom, jissokta jingħad li ladarba f'dan il-każ ir-rikorrenti ma ġewx akkużati u lanqas ġew misjuba ħatja ta' xi reat, tant li ma weħlu l-ebda piena, allura dan id-dritt ma japplikax.

Magħdud ma' dan id-dritt tas-silenzju jgħodd għal individwi, b'dana li r-rikorrenti bħala kumpanniji ma jistgħux jinvokaw tali dritt. Jingħad ukoll li d-dritt tas-silenzju msemmi mir-rikorrenti ma jestendix fil-konfront ta' materjal jew dokumenti li jinġabar mill-persuna bl-użu ta' mezzi obbligatorji imma japplika biss fil-konfront ta' testimonjanza jew stqarrija.

F'kull każ, illum huwa paċifiku minn ħafna deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea li fil-kuntest tal-liġi tal-kompetizzjoni intrapriżi huma marbuta li jikkooperaw mal-awtoritajiet konċernanti u li f'dan is-settur il-jedd tas-silenzju ma jistax jiġi applikat b'mod assolut.

Barra minn hekk f'dan il-każ ħadd mill-intimati ma sforza lir-rikorrenti biex jammettu xi ħtija. Dawn intalbu biss biex jgħaddu xi tagħrif lid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) sabiex dan seta' jwettaq dmirijietu. Għalhekk anke dan il-parti tal-ilment għandu jiġi miċħud.

Fuq l-aħħar ilment tar-rikorrenti dwar il-proċess investigattiv kondott mid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) f'dan il-każ, l-esponenti jibdew billi jissottomettu li dan huwa mertu li jrid jinstema' quddiem it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur, dan kif wara kollox ġie mistqarr nir-rikorrenti stess. Il-kwistjoni dwar jekk id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) mexiex skont l-**artikolu 12 tal-Kap 379** ma taqax fil-kompetenza ta' din l- Onorabbli Qorti. Għalhekk ma hemmx ħtieġa li dan l-ilment jiġi mistħarreġ hawnhekk.

L-argument tar-rikorrenti li ksur tal-**artikolu 12 tal-Kap 379** iwassal ukoll għall-ksur tas-smigħ xieraq ma jfissirx b'daqshekk li għandha tkun din l-Onorabbli Qorti li tiddeċiedi din il-kwistjoni. Dan bħal meta xi ħadd f'appell jallega li qorti jew bord tal-ewwel istanza ċaħdu mid-dritt tal-kelma. Għalkemm ksur tal-*audi alterem partem* jikkostitwixxi wkoll ksur tas-smigħ xieraq ma jfissirx li qorti kostituzzjonali biss għandha s-setgħa li tiddeċidieh. Għalhekk ġaladarba dan l-ilment jistgħu jiddeċiduh it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur u l-Qorti tal-Appell warajh mhux il-każ li din l-Onorabbli Qorti għandha toqgħod tokkupa ruħha minn dan l-ilment.

Anke kieku stess, l-ilment tar-rikorrenti f'dan ir-rigward huwa manifestament ħażin. Meta r-rikorrenti ntalbu jwieġbu xi mistoqsijiet huma ma kienu akkużati jew suspettati bl-ebda reat kriminali. Li ġara huwa li l-esponenti Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) kien fetaħ formalment investigazzjoni fis-suq tal-forniment tad-diesel lill-pompi tad-diesel. L-inċident li kien ġie rrappurtat fil-gazzetta f'Jannar 2015 li kien jinvolvi lir-rikorrenti u lil distributur partikolari tal-pompa tad-diesel kien parti minn din l-investigazzjoni aktar usa' li wettaq d-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) f'dan is-suq. Matul l-investigazzjoni f'dan is-suq, id-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) kien bagħat talbiet għall-informazzjoni lir-rikorrenti u anke lid-distributur tal-pompa tad-diesel kif ukoll talbiet għall-informazzjoni lil fornituri ohra u distributuri oħra tal-pompi tad-diesel. Wara li ġabar l-evidenza meħtieġa, f'Jannar 2016 d-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) ħareġ stqarrija ta' oġġezzjonijiet. Meta jibgħat l-istqarrija ta' oġġezzjonjiet, l-esponenti Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) jagħti aċċess għall-fajl tal-każ u jisma'

x'għandhom xi jgħidu l-partijiet għal dak illi provviżorjament ikun sab d-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni). Ma jkun ġie deċiż xejn sa dak l-istadju għaliex l-istqarrija ta' oġġezzjonjiet, hija biss sejba provviżorja li ma torbotx lid-Direttur Ġenerali u li tista' tinbidel jekk il-partijiet ikkonċernati jġibu xi prova kuntrarja għal dak li jkun instab provviżorjament. Fil-każ tagħna wara li d-Direttur Ġenerali analizza l-provi u l-argumenti mressqa mir-rikorrenti b'risposta ghall-istqarrija ta' oġġezzjonjiet id-Direttur Ġenerali ddeċieda li jikkonferma l-ksur u hareġ d-deċiżjoni tiegħu f'Ottobru 2016. Jiġifieri kien biss ħafna żmien wara li ġabar l-evidenza mit-tagħrif li ingħatalu mill-intrapriżi konċernati li d-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) irrealizza li r-rikorrenti setgħu kienu involuti fi ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Għalhekk l-artikoli konvenzjonali/kostituzzjonali u l-ġurisprudenza ċitata mir-rikorrenti m'għandha l-ebda valur f'dan il-każ.

L-esponenti jagħlqu billi jisħqu li meta d-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) talab għal xi tagħrif mingħand ir-rikorrenti huwa dejjem infurmahom fuq liema bażi legali huwa kien qiegħed jitlobha u indikalhom ukoll l-għan wara dik it-talba hekk kif jistipula l-**artikolu 12(3) tal-Att dwar il-Kompetizzjoni.** F'dan ir-rigward id-Direttur esponent mexa perfettament mal-obbligi tiegħu skont il-liġi, kif dawn ġew anke interpretati fid-dawl tas-sentenzi tal-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropeja hekk kif d-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) obbligat. Għalhekk anke dan l-ilment m'għandux mis-sewwa.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imfissra r-rikors kostituzzjonali imressaq mir-rikorrenti għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħhom.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dawn il-proċeduri, is-soċjetajiet rikorrenti qegħdin jitolbu lil din il-Qorti ssib illi ġie leż d-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq kif sanċit permezz tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-bażi tal-lanjanzi tar-rikorrenti huma l-proċeduri li ttieħdu fil-konfront tagħhom mill-intimat Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) a tenur tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kapitolu 379 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din id-deċiżjoni hija limitata għall-eċċezzjoni ta' natura preliminari mressqa mill-intimati. In suċċint, l-eċċezzjoni tal-intimati, kif kontenuta fl-ewwel tmien paragrafi tar-risposta tagħhom, hija fis-sens illi peress li d-Direttur Ġenerali intimat iddikjara li mhux ser jimponi multa amministrattiva fuq ir-rikorrenti, mela allura l-ilmenti kollha tal-istess rikorrenti, kollha bbażati fuq il-fatt illi huma effettivament ġew soġġetti għall-proċeduri ta' natura kriminali, ma jistgħux jissussistu jew issibu protezzjoni taħt il-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea kif qegħdin jippretendu r-rikorrenti.

Jirrizulta illi r-rikorrenti kienu ġew investigati mill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni bħala parti mill-investigazzjoni ta' dak l-Uffiċċju dwar is-suq tal-provvista tad-diesel lill-pompi tad-diesel.

Waqt li l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni kien qiegħed jagħmel l-investigazzjonijiet tiegħu, proprju fil-21 ta' April 2015, ingħatat is-sentenza fl-ismijiet **Federation of Estate Agents vs Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) et** minn din il-Qorti diversament presjeduta fejn il-Qorti sabet illi l-Artikoli 12A, 13, 13A u 21 tal-Kap 379, in kwantu li jawtorizzaw jew jobbligaw lid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) u lit-Tribunal tal-Appell li jisimgħu u jiddeċiedu każ ta' allegat ksur tal-imsemmi Att u/jew id-disposizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni kontenuti fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u jagħtu ordnijiet u jimponu multa f'każ li jsibu ksur, huma inkompatibbli jew inkonsistenti mad-dispost tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

Fil-15 ta' Jannar 2016, id-Direttur Ġenerali intimat bagħat żewġ ittri lir-rikorrenti kif ukoll lil M&N Camilleri Petrol Station li permezz tagħhom għaddielhom stqarrija ta' oġġezzjonijiet skont l-Artikolu 12A(1) tal-Kap. 379. F'din l-istqarrija, huwa informa lir-rikorrenti li x'aktarx seħħ ksur tal-Artikolu 5 tal-Kap. 379 u/jew tal-artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU). Għaldaqstant, huwa ta żmien lir-rikorrenti biex jagħtu r-reazzjonijiet tagħhom qabel ma jieħu deċiżjoni finali. Is-soċjetajiet rikorrenti bagħtu r-risposti tagħhom lid-Direttur Ġenerali intimat fejn talbuh ukoll sabiex jissospendi l-proċeduri tiegħu fil-konfront tagħhom sakemm jinqata' l-appell tal-imsemmija kawża tal-**Federation of Estate Agents**. It-talba tagħhom għal sospensjoni ġiet miċħuda.

Sakemm l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni kien qiegħed jeżamina l-evidenza kollha mressqa quddiemu sabiex jasal għal deċiżjoni finali, fit-3 ta' Mejju 2016 il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet l-appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti fl-imsemmi każ tal-**Federation of Estate Agents**. Il-Qorti Kostituzzjonali kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn sabet ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u għalhekk qalet illi l-Artikolu 12A, 13, 13A u 21 tal-Kap. 379, safejn jagħtu lid-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) is-setgħa li joħroġ deċiżjoni dwar ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni u jimponi multi jew miżuri oħra jekk isib li hemm ksur, u safejn jagħtu lit-Tribunal tal-Appell is-setgħa li jisma' appell mid-deċiżjoni tad-Direttur, ma jiswewx u m'għandhomx effett quddiem ir-rikorrenti. Il-Qorti Kostituzzjonali sabet ukoll illi l-proċeduri mibdija kontra r-rikorrenti taħt dawk id-disposizzjonijiet tal-liġi huma bi ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq imħares taħt l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni safejn dawk il-proċeduri huma maħsuba biex iwasslu għal deċiżjoni dwar ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Madanakollu, ħassret is-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn sabet ukoll ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

Mitlub mir-rikorrenti dwar kif beħsiebu jirregola ruħu, l-Uffiċċju tal-Kompetizzjoni wieġeb fil-11 ta' Mejju 2016 li huwa kien għadu qiegħed jeżamina l-effetti ta' din is-sentenza. Ir-rikorrenti insistew illi l-Uffiċċju jagħlaq il-każ tagħhom għal kollox.

Fit-30 ta' Settembru 2016, l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni bagħat ittra lir-rikorrenti fejn għarrafhom li xorta waħda kien ser jippronunzja d-deċiżjoni finali tiegħu bil-kundizzjoni li l-ebda multa amministrattiva ma kienet ser tiġi imposta fil-konfront tagħhom minkejja li sab li kien hemm ksur tal-liġi. Id-deċiżjoni finali nħarġet mill-Uffiċċju fl-4 ta' Ottubru 2016.

Ir-rikorrenti appellaw mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat quddiem it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur. Huma ppreżentaw ukoll ir-rikors kostituzzjonali odjern. L-imsemmi Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrenti u aċċetta li jistenna l-eżitu ta' din il-kawża kostituzzjonali qabel ma jiddeċiedi l-appell tagħhom.

Skont il-Kap. 379, id-Direttur intimat u l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni għandhom is-setgħa li jinvestigaw, jiddeterminaw u jrażżnu aġir meqjus li jxekkel il-kompetizzjoni fis-suq ai termini tal-Artikolu 5 u 9 tal-imsemmi Att. Suspettat aġir illeġittimu b'allegat ksur tal-imsemmija artikoli tal-liġi u l-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iwassal sabiex id-Direttur Ġenerali intimat joħroġ stqarrija ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 12A tal-Att. L-intrapriża li lejha tkun diretta dik l-istqarrija ta' oġġezzjoni jkollha dritt tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward.

L-Artikoli 12A(6) u l-Artikolu 12D jagħtu lid-Direttur Ġenerali intimat, apparti dmirijiet ta' investigazzjoni u poteri amministrattivi, id-dover li jiddeċiedi u jistabbilixxi ksur o meno tal-Att u/jew tat-Trattat. F'każ li jiġi misjub li kien hemm vjolazzjoni, id-Direttur Ġenerali għandu joħroġ l-ordnijiet neċessarji skont l-Artikolu 13 tal-Att, inkluż l-imposizzjoni ta' multa amministrattiva ta' mhux aktar minn għaxra fil-mija tad-dħul totali tal-intrapriża jew għaqda tal-intrapriżi konċernati u dan skont l-Artikolu 21. F'każ li l-għaqda jew intrapriża ma tħallasx il-multa, din titqies li ikkomettiet 'reat' u għaldaqstant, hija soġġetta għal multa ulterjuri ta' bejn elf u għoxrin elf Ewro.

Skont l-Artikolu 13A(1) tal-Att, mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat hemm dritt ta' appell quddiem it-Tribunal tal-Appell għall-Kompetizzjoni u għall-Konsumatur. L-Artikolu 31

tal-Kap. 510 jistabbilixxi li dan it-Tribunal huwa kompost minn Imħallef u żewġ membri ordinarji mahtura mill-President għal perjodu ta' tliet snin. Appell ma jissospendix awtomatikament il-multa amministrattiva inflitta, imma talba apposita tista' ssir lit-Tribunal. Mid-deċiżjoni tat-Tribunal hemm appell quddiem il-Qort tal-Appell fuq punt ta' liġi biss, kif jipprovdi l-Artikolu 13A(5) tal-Kap. 379.

Il-lanjanza tar-rikorrenti hija msejjsa fuq allegat ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

L-ewwel sub inċiż tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jaqra hekk:

> *"Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi."*

L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jaqra hekk:

> *"1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kullħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b' liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta nazzjonali f'soċjeta demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.*
>
> *2. Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali għandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat ħati skont il-ligi.*
>
> *3. Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li gejjin:*

*(a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettal, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu;*
*(b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*(c) li jiddefendi ruħu persunalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk;*

*(d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu;*

*(e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti."*

Essenzjalment, il-kawza odjerna tittratta l-kompatibilità tal-artikoli impunjati mal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Skont ir-rikorrenti, il-proċeduri istitwiti kontra tagħhom għandhom min natura ta' proċeduri kriminali u ghalhekk igawdu mill-protezzjoni li tagħti l-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-proċeduri kriminali u dan kif ġie konfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ tal-**Federation of Estate Agents**.

Il-qofol tal-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati ddur mal-kwistjoni jekk il-proċeduri *de quo* jibqghalhomx ix-xejra ta' proċeduri kriminali tenut kont tal-fatt illi d-Direttur Ġenerali intimat iddikjara li mhuwiex ser jimponi multi fuq ir-rikorrenti. Is-sitwazzjoni tar-rikorrenti odjerni hija waħda diversa minn dik tar-rikorrenti fil-każ tal-**Federation of Estate Agents** tenut kont tal-fatt illi f'dan il-każ id-Direttur Ġenerali intimat iddikjara li mhuwiex ser jimponi l-ebda multa skont il-Kap 379. Ir-rikorrenti jinsistu li l-fatt li d-Direttur Ġenerali intimat eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu u għażel li ma jimponix multa ma jfissirx illi l-proċeduri *de quo* tilfu min natura kriminali tagħhom.

L-intimati ma jaqblux u jgħidu li l-ilmenti tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu mistħarrġa taħt l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni safejn dan l-artikolu japplika għall-proċeduri kriminali għaliex b'differenza mill-każ tal-**Federation of Estate Agents**, fil-każ tal-lum id-Direttur Ġenerali intimat iddikjara li mhuwiex ser jimponi l-ebda multa fuq ir-rikorrenti imma ser jillimita ruħu għal dikjarazzjoni ta' ksur tal-Kap. 379. Skont l-intimati, il-proċeduri in kwistjoni ma jattirawx il-protezzjoni tal-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u dik tal-Konvenzjoni Ewropea li japplikaw għall-proċeduri li huma ta' natura kriminali. Jgħidu li l-bażi tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tal-**Federation of Estate Agents** kienet il-multa u allura mingħajrha, wieħed ma jistax aktar jitkellem fuq proċeduri kriminali.

L-intimati jkomplu billi jgħidu li sabiex proċeduri amministrattivi jieħdu t-tikketta ta' proċeduri kriminali, dawn iridu jkunu suxxettibbli għall-piena jew sanzjoni iżda fil-każ tal-lum id-Direttur Ġenerali intimat diġà ddikjara li hu mhuwiex ser jimponi l-ebda multa amministrattiva fil-konfront tar-rikorrenti. Ikomplu billi jgħidu li jsegwi għalhekk illi dan il-każ ma jixxiebaħ xejn mal-każ tal-**Federation of Estate Agents**. Għalhekk, jgħidu l-intimati, il-konsiderazzjonijiet kollha magħmula mir-rikorrenti dwar l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni huma irrelevanti ġjaladarba r-rikorrenti ma jistgħux jeħlu kastig u allura ma jistgħux jgħidu li d-Direttur Ġenerali intimat ħareġ xi akkuża ta' natura kriminali kontrihom. L-intimati jkomplu billi jgħidu li l-istess japplika għal-lanjanza tar-rikorrenti li l-appell tagħhom mid-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali intimat ser jinstema' minn Tribunal u mhux mill-Qorti. Iżidu li l-istess jgħodd fil-kuntest tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea peress li ma hemmx piena li r-rikorrenti jistgħu jeħlu.

L-intimati jgħidu wkoll li r-rikorrenti ma jistgħux jibbażaw il-lanjanzi tagħhom fuq dak deċiż fil-każ tal-**Federation of Estate Agents** għaliex sentenzi dwar inkompatibilità ta' liġijiet ma' drittijiet fundamentali jagħmlu stat biss bejn il-partijiet fil-kawża u mhux *erga omnes*.

Il-Qorti tibda billi tqis li l-intimati għandhom raġun meta jgħidu li fl-insenjament ta' dawn il-Qrati, huwa meqjus illi sentenza

tagħmel stat biss bejn il-partijiet. Madanakollu, ir-rikorrenti mhumiex fil-fatt qeghdin isostnu li l-imsemmija deċiżjoni għandha tapplika *erga omnes*. Hemm distinzjoni netta bejn li wieħed jiccita ġurisprudenza applikabbli għall-każ, u li wieħed jgħid illi dik il-ġurisprudenza tapplika *erga omnes*. Ir-rikorrenti jgħidu li s-sitwazzjoni li jinsabu fiha hija l-istess bħal tar-rikorrenti fl-imsemmi każ, u li allura, fuq l-istess bażi, din il-Qorti għandha ssib vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom, imma dan ma jfissirx li qegħdin jgħidu li din il-Qorti għandha tiskarta kull kunsiderazzjoni oħra f'dan il-każ u tadotta d-deċiżjoni li ħadet il-Qorti Kostituzzjonali f'dak il-każ għaliex din tapplika *erga omnes*. Ma hemm xejn li jwaqqaf lir-rikorrenti, jew lill-Qorti milli jagħmlu riferenza għall-każ tal-**Federation of Estate Agents**. Dan ma jfissirx illi l-Qorti tkun qegħda tgħid li dik id-deċiżjoni tapplika *erga omnes* jew li r-rikorrenti jkunu qegħdin jippretendu li l-Qorti għandha tagħmel hekk. Il-konsiderazzjoni tal-possibilità ta' applikabilità *erga omnes* tibqa' ghalhekk barra mill-ezami odjern.

Dan premess, il-Qorti tirreferi ghall-każ ta' **Engel and Others v the Netherlands**, deċiża fit-8 ta' Ġunju 1976, fejn il-Qorti Ewropea stabbiliet kriterji, illum magħrufa bħala l-*Engel Criteria* sabiex iservu ta' gwida għad-determinazzjoni tan-natura ta' offiża partikolari. F'din id-deċiżjoni gie ritenut:

> "*In this connection, it is first necessary to know whether the provision(s) defining the offence charged belong, according to the legal system of the respondent State, to criminal law, disciplinary law or both concurrently. This however provides no more than a starting point. The indications so afforded have only a formal and relative value and must be examined in the light of the common denominator of the respective legislation of the various Contracting States.*
>
> *The very nature of the offence is a factor of greater import. When a serviceman finds himself accused of an act or omission allegedly contravening a legal rule governing the operation of the armed forces, the State may in principle employ against him disciplinary law rather than criminal*

*law. In this respect, the Court expresses its agreement with the Government.*

*However, supervision by the Court does not stop there. Such supervision would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. In a society sub- scribing to the rule of law, there belong to the 'criminal' sphere deprivations of liberty liable to be imposed as a punishment, except those which by their nature, duration or manner of execution cannot be appreciably detrimental. The seriousness of what is at stake, the traditions of the Contracting States and the importance attached by the Convention to respect for the physical liberty of the person all require that this should be so (see, mutatis mutandis, the De Wilde, Ooms and Versyp judgment of 18 June 1971, Series A no. 12, p. 36, last sub-paragraph, and p. 42 in fine)."*

Il-Qorti kompliet billi qalet hekk:

*"If the Contracting States were able at their discretion to classify an offence as disciplinary instead of criminal, or to prosecute the author of a 'mixed' offence on the disciplinary rather than on the criminal plane, the operation of the funda- mental clauses of articles 6 and 7 (art. 6, art. 7) would be subordinated to their sovereign will. A latitude extending thus far might lead to results incompatible with the purpose and object of the Convention. The Court therefore has jurisdiction, under article 6 (art. 6) and even without reference to articles 17 and 18 (art. 17, art. 18), to satisfy itself that the disciplinary does not improperly encroach upon the criminal. In short, the 'autonomy' of the concept of 'criminal' operates, as it were, one way only."*

Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewopea, biex wieħed jistabbilixxi jekk akkuża għandhiex titqies bħala kriminali jew le għall-finijiet tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, wieħed m'għandux jistrieħ biss fuq il-klassifikazzjoni tal-liġi domestika imma għandhom jiġu applikati l-kriterji stabbiliti fil-każ ta' **Engel**. Il-liġi Maltija tqis il-proċeduri ta' infurzar tal-liġi tal-

kompetizzjoni bħala proċeduri amministrattivi u mhux kriminali. Madanakollu, kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ tal-**Federation of Estate Agents**, *'għalkemm il-kwalifikazzjoni li jagħti l-leġislatur lil provvediment leġislativ hija ċertament relevanti biex dak il-provvediment jiġi kwalifikat bħala penali jew amministrattiv, dan huwa biss wieħed mill-fatturi relevanti.'*

Fil-każ ta' **Jussila v Finland** tat-23 ta' Novembru 2006, ġew imfissra hekk dawn il-kriterji:

> *"The Court's established case-law sets out three criteria to be considered in the assessment of the applicability of the criminal aspect. These criteria, sometimes referred to as the 'Engel criteria', were most recently affirmed by the Grand Chamber in Ezeh and Connors v. the United Kingdom ([GC] nos 39665/98 and 40086/98, § 82, ECHR 2003-X).*
>
> *...*
>
> *[I]t is first necessary to know whether the provision(s) defining the offence charged belong, according to the legal system of the respondent State, to criminal law, disciplinary law or both concurrently. This however provides no more than a starting point. The indications so afforded have only a formal and relative value and must be examined in the light of the common denominator of the respective legislation of the various Contracting States.*
>
> *The very nature of the offence is a factor of greater import. ... However, supervision by the Court does not stop there. Such supervision would generally prove to be illusory if it did not also take into consideration the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. ...*
>
> *The second and third criteria are alternative and not necessarily cumulative. It is enough that the offence in question is by its nature to be regarded as criminal or that the offence renders the person liable to a penalty which by its nature and degree of severity belongs in the general*

*criminal sphere (see Ezeh and Connors, cited above, § 86). The relative lack of seriousness of the penalty cannot divest an offence of its inherently criminal character (see Ozturk v. Germany, 21 February 1984, § 54, Series A no. 73; see also Lutz v. Germany, 25 August 1987, § 55, Series A no. 123). This does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (see Ezeh and Connors, cited above, § 86, citing, inter alia, Bendenoun, cited above, § 47).*"

Finalment, il-Qorti tagħmel riferenza għall-każ ta' **A Menarini Diagnostics S.R.L. v Italy** li kien ukoll dwar ksur tal-liġi tal-Kompetizzjoni. F'dan il-każ il-Qorti Ewropea sabet illi l-multa imposta kellha min natura ta' sanzjoni kriminali, imma l-Qorti ma bbażatx id-deċiżjoni tagħha fuq is-severità tal-piena biss. F'dak il-każ, il-Qorti sabet ukoll illi l-liġi impunjata għandha l-għan li tipproteġi l-kompetizzjoni u tolqot l-interessi tas-soċjetà li huma normalment protetti permezz tal-liġi kriminali.

Fl-imsemmija kawża tal-**Federation of Estate Agents**, din il-Qorti diversament presjeduta irriteniet:

"...*din il-qorti tagħraf illi l-waqt li l-liġi Maltija (Kap. 379) tikklassifika din l-offiża bħala wahda ta' natura amministrattiva, in-natura tar-reat u n-natura u severità tal-piena tagħti bixra totalment diversa lill-offiża, b'mod li ma tistax ma titqiesx bħala waħda ta' natura kriminali. In fatti dan joħroġ ċar meta wieħed jeżamina l-aspettattivi tal-piena mgħotija għall-offiżi taħt il-Kap. 379 fid-dawl ta' paragrafu 47 tal-każ Bendenoun v. France:*

i. *illi l-Kap. 379 japplika liċ-ċittadini kollha u mhux lil xi grupp speċifiku;*

ii. *il-multa m'hijiex intiża għal kumpens pekunarju għal dannu soffert, iżda kienet essenzjalment piena li tikkostitwixxi deterrent;*

*iii.* *il-multa kienet imposta b'regola ġenerali bi skop punittiv u li jservi ta' deterrent;*

*iv.* *illi l-multa kienet waħda ta' entità konsiderevoli.*

*Meħuda in konsiderazzjoni dawn l-aspettattivi, din il-qorti ma tistax ma takkoljix l-insenjament tal-ECHR meta kkonkludiet fil-każ ta' Bendenoun v. France:*

*"Having weighed the various aspects of the case, the Court notes the predominance of those which have a criminal connotation. None of them is decisive on its own, but taken together and cumulatively they made the 'charge' in issue a 'criminal' one within the meaning of article 6 § 1 ...," ibid. para. 47.'"*

Sussegwentement il-Qorti Kostituzzjonali sostniet:

*"Il-qorti tqis illi l-liġi maltija tal-kompetizzjoni tħares interessi ġenerali tas-soċjetà li huwa wkoll il-għan tal-liġi penali, u f'dan tixbah id-disposizzjonijiet taħt it-Titolu VI tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali: Fuq id-Delitti kontra l-Kummerċ Pubbliku; tqis illi l-liġi tal-kompetizzjoni għandha l-ħsieb ukoll li sservi ta' deterrent, bħal-liġi penali; tqis illi l-multa li tista' tingħata mid-Direttur hija x'aktarx ħarxa u hija maħsuba bħala piena u mhux bħala risarċiment ta' danni ċivili; u tqis illi huwa relevanti wkoll il-fatt illi, qabel l-emendi li saru fil-Kap. 379 bis-saħħa tal- Att VI tal-2011, l-"akkordji u prattiki projbiti" taħt l-art. 5 bħal dawk li dwarhom hija mixlija l-Federazzjoni fil-każ tallum kienu meqjusa "reati" taħt l-art. 16 tal-istess Kap. 379, b'mod għalhekk illi, għalkemm wara l-Att VI tal-2011 dawk l-"akkordji u prattiki projbiti" ma baqgħux jitqiesu "reati", is-sustanza tagħhom baqgħet l-istess. Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-qorti biex taqbel mal-ewwel qorti illi l-proċeduri taħt il-liġi tal-kompetizzjoni għandhom min-natura ta' proċeduri dwar akkuża kriminali u għalhekk għandhom ikunu mħarsa bil-garanziji li l-art. 39 jrid għal proċeduri dwar akkuzi kriminali."*

Jidher għalhekk illi kemm fid-deċiżjonijiet ċitati tal-Qorti Ewropea, kif ukoll f'dik tal-**Federation of Estate Agents**, deċiża minn dawn il-Qrati, il-klassifikazzjoni tal-proċeduri impunjati bħala li għandhom min-natura ta' proċeduri jew akkużi kriminali, ma kienitx ibbażata biss fuq jekk is-sejbien ta' ħtija kienitx tattira multa, iżda ġiet ikkunsidrata wkoll in-natura tal-offiża nnifisha, it-tieni u tielet kriterji stabbiliti fil-każ ta' **Engel** li, kif rajna, jistgħu jkunu alternattivi u mhux bilfors kumulattivi. Minkejja li l-multa li setgħet tiġi inflitta kienet konsiderazzjoni importanti għall-Qorti Kostituzzjonali fil-każ tal-**Federation of Estate Agents**, din ma kienitx l-uniku konsiderazzjoni.

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-fatt li f'dan il-każ m'għadx hemm il-possibilità li r-rikorrenti jeħlu multa, ma jfissirx li l-proċeduri in kwistjoni ma jistgħux aktar jiġu klassifikati bħala proċeduri kriminali b'applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti fil-każ tal-**Federation of Estate Agents**. Il-Qorti taqbel mar-rikorrenti li d-deċiżjoni li ma tiġix imposta multa hija irrelevanti għal finijiet tad-determinazzjoni jekk il-proċeduri għandhomx is-sura ta' proċeduri kriminali. Sabiex proċeduri ta' din ix-xorta jitqiesu bħala proċeduri kriminali mhux bilfors ikun hemm piena jew sanzjoni li tixbaħ dawk li wieħed normalment isib fil-liġi kriminali għaliex wieħed irid iħares lejn in-natura tal-proċeduri u tal-akkużi u offiżi fl-intier tagħhom.

Fil-fatt, fil-każ tal-**Federation of Estate Agents** il-Qorti Kostituzzjonali sabet illi kien hemm vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq qabel ma ġiet imposta l-multa. Il-Qorti sabet illi l-proċess sħiħ ta' investigazzjoni taħt l-artikoli in kwistjoni għandu elementi ta' proċeduri ta' natura kriminali u mhux biss għaliex f'dak il-każ setgħu jiġu imposti l-multi. Il-Qorti bbażat il-konklużjonijiet tagħha kemm fuq il-piena kif ukoll fuq in-natura tal-proċeduri u tar-reat.

Ir-rikorrenti jkomplu billi jgħidu li d-diskrezzjoni tad-Direttur Ġenerali intimat li ma jimponix multa sabiex ikun konformi ma dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-każ tal-**Federation of Estate Agents** ma tibdilx il-bażi tal-proċeduri impunjati minn kriminali għall-amministrattivi. Din il-Qorti taqbel. Hija l-liġi

kif imfassla li tiddetermina n-natura tal-azzjoni. Id-Direttur Ġenerali intimat m'għandux id-diskrezzjoni jibdel in-natura tal-proċeduri sempliċiment billi jiddikjara li f'każ partikolari mhuwiex ser jimponi multa. Il-fatt illi għażel li ma jimponix multi f'dan il-każ ma jfissirx illi proċeduri li huma min natura tagħhom tas-sura kriminali tilfu minn din il-klassifikazzjoni.

Fl-aħħarnett, għandu jingħad ukoll illi minkejja li f'dan il-każ id-Direttur intimat iddikjara li mhuwiex ser jimponi multa fuq ir-rikorrenti, dan ma jfissirx illi d-deċiżjoni dwar is-sejbin ta' ksur taħt il-Kap. 379 huwa mingħajr riperkussjonijiet. Kif jispjegaw ir-rikorrenti, ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjonu Sussidjarja 174.04) jipprovdu li d-Direttur tal-Kuntratti jista' jordna l-*black listing* ta' operatur ekonomiku milli jipparteċipa f'sejħiet għall-offerti fejn id-Direttur ikollu indikazzjonijiet plawsibbli biżżejjed biex jikkonkludi li l-operatur ekonomiku ikun daħal fi ftehim ma' operaturi ekonomiċi oħrajn li għandhom l-għan li joħolqu tfixkil tal-kompetizzjoni.

Din is-sanzjoni hija waħda li kapaċi jkollha riperkussjonijiet serji għar-rikorrenti. Dan ikompli jikkonferma l-ħsieb ta' din il-Qorti li l-fatt li f'dan il-każ mhijiex ser tiġi imposta multa ma jfissirx illi l-proċeduri *de quo* tilfu min-natura tagħhom ta' proċeduri kriminali kif fissret il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ tal-**Federation of Estate Agents.**

Din il-Qorti tqis li għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, minkejja illi d-Direttur Ġenerali intimat iddikjara li mhuwiex ser jimponi multa, il-proċeduri istitwiti minnu kontra r-rikorrenti xorta jibqalhom mis-sura ta' proċeduri jew akkużi kriminali u għaldaqstant, l-ilmenti tar-rikorrenti għandhom jiġu investigati taħt l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea safejn japplika għall-proċeduri kriminali.

Għaldaqstant, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad l-eċċezzjoni preliminari tal-intimati illi l-proċeduri istitwiti mill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni fil-konfront tar-rikorrenti ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala proċeduri u/jew akkużi ta' natura kriminali tenut kont illi l-istess Uffiċċju ddikjara li mhuwiex ser jimponi l-ebda multa fuq ir-rikorrenti u għaldaqstant, tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.

L-ispejjeż jibqghu riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG